IL-KNISJA F'MALTA

UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI
Arċidjoċesi ta' Malta

5 ta' Settembru 2015
97/2015

**ARĊIPRIET ĠDID GĦALL-PARROĊĊA TA' SAN PAWL NAWFRAGU, IL-BELT VALLETTA**

L-Arċisqof Charles J. Scicluna ħatar lil Kan. Vincent Borg bħala arċipriet tal-parroċċa ta' San Pawl Nawfragu, il-Belt Valletta.

Dun Vincent Borg twieled fit-30 ta' Novembru 1949. Huwa rċieva l-edukazzjoni primarja fl-iskola ta' Ħaż-Żebbuġ, u l-edukazzjoni sekondarja fil-Liċeo tal-Ħamrun. Kompla l-istudji terzjarji (Filosofija u Teoloġija) fil-Fakultà tat-Teoloġija, fis-Seminarju, Tal-Virtù.

Dun Vincent ġie ordnat saċerdot fl-20 ta' Lulju 1974. Beda l-ħidma pastorali tiegħu bħala viċi-kappillan fil-parroċċi ta' Ħal Tarxien u Ħal Qormi, u bħala viċi-kappillan fil-parroċċa ta' San Pawl Nawfragu, il-Belt Valletta, fejn ilu jservi għal dawn l-aħħar 14-il sena.

Dun Vincent ħadem ukoll bħala għalliem fl-iskejjel ta' Raħal Ġdid u l-Marsa, u fit-Tribunal Ekkleżjastiku. Għal dawn l-aħħar 16-il sena huwa serva bħala kappillan tal-komunità Franċiża.

Il-parroċċa ta' San Pawl Nawfragu tiġbor fiha madwar 1,800 persuna f' 800 familja.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**